

(2) *L-UASI għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn HerkuPlast Kubern GmbH.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 317, 20.11.2010.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2012 — Diadikasia Symbouloi Epicheiriseon vs Il-Kummissjoni et

(Kawża T-369/11) (<sup>1</sup>)

(“*Rikors għad-danni — Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni — Stat terz — Kuntratt pubbliku nazzjonali — Ġestjoni deċentralizzata — Inammissibbiltà — Inkompetenza*”)

(2012/C 343/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Diadikasia Symbouloi Epicheiriseon AE (Chalandri, il-Greċja) (rappreżentant: A. Krystallidis, avukat)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u P. van Nuffel, aġenti); Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fit-Turkija (Ankara, it-Turkija); u Central Finance & Contracts Unit (CFCU) (Ankara, it-Turkija)

#### Suġġett

Talba għall-kumpens għad-dannu li jirriżulta mid-deċiżjoni tas-CFCU tal-5 ta' April 2011 u minn kull deċiżjoni sussegwenti li tannulla l-għoti tal-kuntratt “Tkabbir tan-network Tork-Ewropew ta' Ċentri ta' Negozji f'Sivas, f'Antakya, f'Batman u f'Van — EuropeAid/128621/D/SER/TR” lill-konsorzju Diadikasia business Consultants SA (GR) — Wyg International Ltd (UK) — Deleeuw International Ltd (TR) — Cyberpark (TR), minħabba dikjarazzjonijiet allegatament foloz.

#### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Diadikasia Symbouloi Epicheiriseon AE għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 282, 24.9.2011.

### Rikors ippreżentat fit-20 ta' Awwissu 2012 — Brouwerij Van Honsebrouck vs UASI — Beverage Trademark (KASTEEL)

(Kawża T-374/12)

(2012/C 343/27)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Brouwerij Van Honsebrouck (Ingelmuuster, il-Belġju) (rappreżentant: P. Maeyaert, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Beverage Trademark Co. Ltd BTM (Tortola, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi)

#### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni fl-intier tagħha tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-8 ta' Ġunju 2012, fil-Każ R 2551/2010-2;

— tikkundanna lill-UASI u l-Beverage Trademark Co. Ltd BTM għall-ispejjeż tal-proċeduri.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark internazzjonali figurattiva li tinkludi l-element verbali “KASTEEL” għal prodotti fil-klassi 32 — Reġistrazzjoni internazzjonali Nru W 975 635

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Beverage Trademark Co. Ltd BTM

*Trade mark jew sinjal invokat:* trade mark nazzjonali “CASTEL BEER” għal prodotti fil-klassi 32

*Deċiżjoni tad-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* rikors miċħud

*Motivi invokati:*

— Ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2012 — Brouwerij Van Honsebrouck vs UASI — Beverage Trademark (KASTEEL)

(Kawża T-375/12)

(2012/C 343/28)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Brouwerij Van Honsebrouck (Ingelmuuster, il-Belġju) (rappreżentant: P. Maeyaert, avukat)